# Kappillani tal-Ordni ta' San Ġwann B'rabta mal-Parroċċa ta' Birkirkara
## *1800-1830*

Winston L. Zammit B.A.(Hons.) P.G.C.E. M.A.

Fl-ewwel tletin sena tas-seklu dsatax niltaqgħu ma' erba' qassisin b'rabta ma' Birkirkara, li kienu kappillani tal-Ordni ta' San Ġwann, li kien ħakem fuq il-gżejjer Maltin bejn l-1530 u l-1798. Dawn kienu Fra Baskal Gelsomino u Fra Joseph Cremona, li t-tnejn kienu membri tal-Kapitlu Elenjan, Fra Francesco Cassar li kellu l-kariga ta' Viċi Parroku u Fra Prospero Xuereb li kien joqgħod f'Birkirkara.

### Fra Baskal Gelsomino

Isem dan is-saċerdot tal-Ordni Ġerosolmitan jidher mal-lista tal-kanonċi Elenjani fil-Viżta Pastorali tal-1811.[1] Wara ismu jerġa' jidher fil-Viżta Pastorali li kienet saret fis-sena 1820.[2]

### Fra Joseph Cremona

Isem dan is-saċerdot tal-Ordni Ġerosolmitan jidher mal-ismijiet tal-kanonċi Elenjani fil-Viżta Pastorali ta' Mejju 1804[3] u ismu jerġa' jidher fl-atti tal-Viżta Pastorali tal-1805[4]. Mill-atti tal-Viżta Pastorali tal-15 t'Ottubru 1811 nafu li l-kanonku Cremona kien imsiefer[5]. Ismu jerġa' jidher mal-lista tal-kanonċi Elenjani fil-Viżta Pastorali tal-1820[6]

### Fra Francesco Cassar

Dan is-saċerdot kien ta s-servizzi tiegħu fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi (1798-1800)[7] u ismu jidher mal-lista tal-kleru ta' Birkirkara fl-atti tal-Viżta Pastorali li saret f'Ottubru 1820[8]. Fl-istess sena nsibu li kellu żewġ karigi fil-parroċċa Elenjana, dik ta' Viċi-Parroku u Viċi-Direttur tal-fratellanza tad-Duttrina li twaqqfet fil-Kolleġġjata Elenjana


Libro
In cui si ascrivono tutti i Confratelli e Consorelle
della Ven: Conf. della Dottrina Cristiana
eretta nella Insigne e Colleg. Chiesa di S. Elena in Birchircara:
per decreto
di S. E. Rma Fra Ferdinando Mattei Arcives. di Rodi e Vescovo di Malta
spedito li 20 Genn: 1820. e reg. nella p. Visita li 29. 8.

---

[1] A(rkivju) K(urja A(rċiveskovili) Viżta Pastorali Mattei 1811 f 100 R.
[2] Ibid., Viżta Pastorali Mattei, 1820 f 144 R.
[3] Ibid., Viżta Pastorali Labini, f 111 R.
[4] Ibid., Viżta Pastorali Labini, f 74 R.
[5] Ibid., Viżta Pastorali Mattei, 1811, f 100 R.
[6] Ibid., Viżta Pastorali Mattei, 1820, f 144 R.
[7] A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) CSG / 04 / 6. *Letter to Fra Francesco Cassar p378, 15.X.1821.*
[8] A.K.A. Viżta Pastorali mattei, f 144 R.

b'digriet tal-Isqof Mattei bid-data tal-20 ta' Jannar 1820. Fl-istess fratellanza l-viċi-Parroku Cassar kellu wkoll il-kariga ta' katekista.

*Faċċata tal-Ms. 747 fil-Librerija Pubblika ta' Malta, fejn jinsab tagħrif dwar it-twaqqif, formazzjoni u metodu tal-fratellanza tad-Duttrina li kienet twaqqfet f'Birkirkara fl-1820.*

L-inawgurazzjoni tal-opra tad-Duttrina Nisranija saret fis-6 ta' Frar 1820 u f'din l-okkażjoni kien għamel id-diskors il-viċi-Parroku Dun Franġisk Cassar bħala l-Viċi-Direttur tal-imsemmija opra tad-Duttrina.[9]

Fil-15 ta' Ottubru 1821, meta kien għadu jokkupa l-kariga ta' Viċi-Parroku fil-parroċċa Elenjana, kien irċieva din l-ittra mingħand is-Segretarju Prinċipali tal-Gvern, Sir Richard Plasket:

To Rev. Fr. Francesco Cassar
Vice-Curate of Birkirkara

*Sir,*

*I have the honour to acquaint you that His Honour the Lieutenant Governor, in consideration of your services in your Ecclesiastical capacity, and especially those rendered during the Siege of Valletta, has been pleased to appoint you as one of the officiating priests of the Collegiate Church of St. Paul's Grotto at Rabat of Notabile, to fill up the place vacated by the death of Fra Giuseppe Sammut.*[10]

Fra Francesco Cassar miet f'din il-kariga fl-1836[11].

## Fra Prospero Xuereb

Kien Kappillan Konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann. Meta miet kien ġie deskritt hekk fil-Gazzetta tal-Gvern:

He was a man of quick understanding and extensive learning, an eminent Professor of Theology and Church doctrine, not only in his own country but also in some of the most celebrated cities of Italy, and he distinguished himself as a preacher of the Order during several Lents.

Fra Prospero Xuereb miet f'Birkirkara fl-4 ta' Frar 1830 fl-età ta' 86 sena. Il-funerali tiegħu saru l-għada l-5 ta' Marzu fil-Kolleġġjata Elenjana b'solennità kbira, fil-preżenza tad-dinjitarji u l-kanonċi tal-Kapitlu Elenjan u l-aktar nies rispettabbli tal-irħula viċin[12].

---

[9] L(ibrerija) N(azzjonali) M(alta) Ms. 747

[10] A.N.M., CSG/o4/6 *Letter to Fra Francesco Cassar* 15.x.1821 p. 378.

[11] Ibid., Letters May 1835-Nov 1836., Letter to treasurer to Govt. 10.xi.1836, p. 525.

[12] M(alta G(ovt) G(azzette) 10.II.1830.

